32006D0534

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Lulju 2006

dwar kwestjonarju għar-rapporti ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/13/KE matul il-perjodu 2005 — 2007

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3274)

(2006/534/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 ([1]) dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u istallazzjonijiet, u b'mod partikolari Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 1999/13/KE, l-Istati Membri huma obbligati jwettqu rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva bbażati fuq kwestjonarju jew deskrizzjoni abbozzati mill-Kummissjoni.

(2) L-Istati Membri ħejjew rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004 skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/529/KE ([2]).

(3) It-tieni rapport għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2007.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stipulata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kwestjonarju stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni sabiex iħejju r-rapport, li jkun ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2007, u li għandu jitressaq lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 1999/13/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-20 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Member of the Commission

([1]) ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87).

([2]) ĠU L 172, 2.7.2002, p. 57.

ANNESS

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u istallazzjonijiet matul il-perjodu 2005 — 2007

Gwida sabiex jitwieġbu l-mistoqsijiet t'hawn taħt:

It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi kemm jista' jkun.

L-informazzjoni sottomessa, b'mod partikolari dwar l-għadd ta' l-istallazzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu, sakemm hija suffiċjenti biex turi li l-obbligi tad-Direttiva ġew milqugħa, tista' tinkludi data rappreżentattiva.

Għar-rapporti li jkopru l-perjodi qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/13/KE, informazzjoni dwar l-istallazzjonijiet preżenti għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar stimi disponibbli għal dawk il-perjodi.

Fejn sitwazzjoni tibqa' ma tinbidilx, ir-referenza tista' ssir sempliċiment għar-risposti preċedenti, għalkemm dan mhux se jkun possibbli għall-Istati Membri li għalihom dan huwa l-ewwel perjodu ta' rappurtarrappurtae. Jekk kien hemm żviluppi ġodda, dawn għandhom ikunu deskritti fi tweġiba ġdida.

1. DESKRIZZJONI ĠENERALI

X'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li huma meħtieġa biex titwaqqaf sistema ta' awtorizzazzjoni jew ta' reġistrazzjoni sabiex jiġi assigurat li jkun hemm konformità ma' l-obbligi tad-Direttiva? Jekk jogħġbok niżżel fid-dettall it-tibdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali matul il-perjodu ta' rappurtar dwar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE.

2. IL-FIRXA TA' L-ISTALLAZZJONIJIET

Għal kull waħda mill-għoxrin sezzjoni ta' l-Anness II A, jekk jogħġbok ikkalkula kemm hemm stallazzjonijiet li jaqgħu fil-kategoriji stabbiliti hawn taħt (l-Istati Membri bi klassifikazzjoni differenti tas-settur fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu jużawha biex iwieġbu din il-mistoqsija).

— l-istallazzjonijiet kollha eżistenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2), li kienu jaħdmu fit-tmiem tal-perjodu taż-żmien tarrappurtarrappurtar,

— l-istallazzjonijiet kollha li kienu rreġistrati jew awtorizzati mill-awtorità kompetenti matul il-perjodu ta' rappurtarrappurtar;

— mill-istallazzjonijiet li kien hemm referenza għalihom fl-inċiż preċedenti, kemm minnhom kienu awtorizzati jew irreġistrati skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva? (fakultattiva);

— kemm minn dawn l-istallazzjonijiet huma koperti wkoll mid-Direttiva IPCC? (fakultattiva).

3. OBBLIGI BAŻIĊI GĦALL-OPERATURI

F'termini ġenerali, liema dispożizzjonijiet amministrattivi saru biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jassiguraw li l-istallazzjonijiet joperaw skond il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 5?

4. ISTALLAZZJONIJIET EŻISTENTIKEMM

Hemm stallazzjonijiet eżistenti li huma awtorizzati jew irreġistrati bħala li huma jużaw l-iskema ta' tnaqqis ta' l-Anness II B, skond Artikolu 4(3).

5. L-ISTALLAZZJONIJIET KOLLHA

5.1 Skond l-Artikolu 5(3)(a), l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw lill-Kummissjoni dwar id-deroga fuq l-applikazzjoni tal-valuri ta' limitu għal emissjonijiet li jaħarbu.

— Kien hemm xi derogi?

— F'dawn il-każijiet, kif jintwera li għall-istallazzjoni individwali konċernati, dan il-valur ma kienx fattibbli teknikament u ekonomikament?

— B'liema mod jitqies li m'għandhomx jiġu mistennija riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent?

5.2 Skond l-Artikolu 5(3)(b), l-attivitajiet li ma jistgħux jitħaddmu taħt kundizzjonijiet ikkontrollati, jistgħu jiġu eżentati mill-kontrolli ta' l-Anness II A fejn din il-possibiltà ma tiġix imsemmija espliċitament f'dak l-Anness.

— Kemm kien hemm operaturi li użaw din il-possibiltà u għal kemm il-stallazzjoni?

— Kif jintwera li l-iskema ta' tnaqqis f'Anness II B mhix fattibbli teknikament u ekonomikament?

— Għall-istallazzjonijiet rispettivi, l-operatur kif juri li qed tintuża l-aħjar teknika disponibbli?

6. PJANI NAZZJONALI

6.1 L-Istat Membru ddeċieda li jiddefinixxi u jimplimenta Pjan Nazzjonali skond l-Artikolu 6? (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/541/KE [1] tas-6 ta' Settembru 2000 dwar il-kriterji għall-istima ta' pjani nazzjonali skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE)

6.2 Kemm kien hemm stallazzjonijiet inklużi taħt il-pjan nazzjonali? X'inhu l-għan tat-tnaqqis fl-emissjonijiet li l-pjan se jwassal? X'inhi l-emissjoni ġenerali li hemm bħalissa għall-istallazzjonijiet koperti mill-pjan? Dan kif jitqabbel ma' kwalunkwe mira provviżorja ta' tnaqqis li taqa' fi ħdan dan il-perjodu ta' rappurtar?

7. SOSTITUZZJONI

Wara l-għoti ta' gwida mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7(1), dan kemm tqies fl-awtorizzazzjoni u fil-formolazzjoni tar-regoli ġenerali li jorbtu (ara Artikolu 7(2))?

8. MONITORAĠĠ

8.1 Fid-dawl ta' l-Artikolu 8(1), fil-każ fejn Stat Membru introduċa obbligu annwali ta' rappurtarrappurtargħall-operatur biex jipprovdi l-awtorità kompetenti b'*data* sabiex tiġi ivverifikata l-konformità mad-Direttiva, jekk jogħġbok semmi kemm kien hemm operaturi li ma tawx id-*data* neċessarja lill-awtorità kompetenti u għal kemm-il stallazzjoni? Liema miżuri jittieħdu mill-awtorità kompetenti sabiex jassiguraw li din l-informazzjoni tingħata fl-iqsar żmien possibbli?

8.2 Fid-dawl ta' l-Artikolu 8(1), fil-każ fejn Stat Membru introduċa obbligu annwali ta' rappurtar "malli jintalab" għall-operatur biex jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'*data* sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva, jekk jogħġbok semmi kemm kien hemm operaturi li ma tawx id-*data* neċessarja lill-awtorità kompetenti u għal kemm-il stallazzjoni?

8.3 Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 8(4) u fir-rigward ta' Artikolu 8(3), jekk jogħġbok semmi l-għadd ta' stallazzjonijiet bi frekwenza ta' kejl mhux kontinwa ta' aktar minn sena?

9. NUQQAS TA' KONFORMITÀ

Fir-rigward ta' l-Artikolu 10,

— Kemm kien hemm operaturi li nstabu li kisru l-obbligi ta' din id-Direttiva?

— Liema miżuri jittieħdu sabiex tiġi mġedda l-konformità "fl-iqsar żmien possibbli" skond Artikolu 10(a)?

— Kemm-il darba l-awtoritajiet kompetenti ssospendew jew irtiraw l-awtorizzazzjoni fejn ma kienx hemm konformità ma' l-Artikolu 10(b)?

10. KONFORMITÀ MAL-VALURI TA' LIMITU GĦALL-EMISSJONIJIET

10.1 Fil-qosor iddeskrivi prattiċi li jassiguraw konformità mal-valuri tal-limitu għall-emissjonijiet fil-gassijiet ta' skart, mal-valuri ta' l-emissjonijiet li jaħarbu u mal-valuri totali ta' l-emissjonijiet. Jekk jogħġbok informa dwar l-eżempji biex jiġi assigurat li l-konformità tiġi applikata matul il-perjodu.

10.2 X'inhuma, f'termini ġenerali, l-aktar prattiċi komuni dwar spezzjonijiet regolari fuq il-post mill-awtoritajiet kompetenti? Jekk dawn ma jitwettqux, l-awtoritajiet kompetenti kif jivverifikaw it-tagħrif ipprovvdut mill-operatur?

[1] ĠU L 230, 12.9.2000, p. 16.

11. **SKEMA TA' TNAQQIS**

11.1 X'inhi l-proċedura biex jiġi assigurat li l-iskema ta' tnaqqis proposta mill-operatur tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' l-emissjonijiet li kienu jirriżultaw kieku kienu jiġu applikati l-valuri tal-limitu fl-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva? Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-esperjenza tiegħek fl-applikazzjoni ta' l-iskema ta' tnaqqis.

11.2 Jekk inti użajt l-iskema ta' tnaqqis proposta f'Anness II B(2), jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li jmiss:

11.2.1 Xi proċeduri u prattiċi jintużaw biex jikkalkolaw l-emissjoni annwali ta' referenza?

11.2.1 Xi proċeduri u prattiċi jintużaw biex jikkalkolaw il-mira ta' l-emissjoni?

11.2.3 Xi prattiċi jintużaw biex jassiguraw li tintlaħaq konformità ma' l-emissjoni ta' mira?

Ir-risposti jistgħu jkunu qosra u fil-forma ta' sommarju.

12. **PJAN TA' ĠESTJONI TAS-SOLVENTI**

Skond Artikolu 9, kif tintwera l-konformità mill-operatur (pjan ta' tmexxija tas-solventi jew l-ekwivalenti)?

13. **AĊĊESS PUBBLIKU GĦALL-INFORMAZZJONI**

Xi prattiċi, f'termini ġenerali, huma mwettqa sabiex jiġi assigurat li Artikolu 12 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, jiġi applikat?

14. **RELAZZJONI MA' STRUMENTI KOMUNITARJI OĦRA**

L-Istati Membri kif iqisu l-effiċjenza tad-Direttiva, fost ħwejjeġ oħra fil-paragun ma' l-istrumenti ambjentali l-oħra Komunitarji?